DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1843

tal-15 ta' Ottubru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ([1]) ("l-ISA") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993. L-ISA ġie konkluż għal perijodu ta' tliet snin, sal-31 ta' Diċembru 1995.

(2) Il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor ("l-ISC"), stabbilit skont l-Artikolu 3 tal-ISA, għandu s-setgħa, skont l-Artikolu 45(2) tal-ISA, li jestendi l-ISA, permezz ta' vot speċjali, għal perjodi suċċessivi ta' mhux aktar minn sentejn kull darba. Mill-konklużjoni tiegħu 'l hawn, l-ISA ġie estiż regolarment għal perjodi ulterjuri ta' sentejn. L-ISA ġie estiż l-aħħar b'deċiżjoni l-ISC f'Lulju 2019 u ser jibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2021.

(3) Matul id-59 sessjoni tiegħu li ser issir fis-26 ta' Novembru 2021, l-ISC irid jadotta deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-ISA għal perijodu ulterjuri ta' sentejn, sal-31 ta' Diċembru 2023.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan fl-ISC, matul id-59 sessjoni tiegħu, fir-rigward tal-estensjoni tal-ISA. Estensjoni ulterjuri tal-ISA hija fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor, matul id-59 sessjoni tiegħu, għandha tkun li tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 għal perijodu ulterjuri ta' sentejn sal-31 ta' Diċembru 2023.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. CIGLER KRALJ

([1]) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor 1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 16).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/580/KEE tat-13 ta' Novembru 1992 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (ĠU L 379, 23.12.1992, p. 15).